**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI**
***DEPARTMENT OF INFORMATION***
**MALTA**

# Press Release

**PR211668** **14.09.2021**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***L-Ombudsman jippreżenta l-Ombudsplan 2022 lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati***

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia laqa' fl-uffiċċju tiegħu lill-Ombudsman Parlamentari Anthony C. Mifsud, li ppreżentalu l-*Ombudsplan għas-sena 2022* skont kif provdut fl-Att tal-1995 dwar l-Ombudsman.

Dan id-dokument jagħti rendikont finanzjarju ta' din l-istituzzjoni għas-sena 2021 u estimu ta' nefqa għas-sena 2022, jindika l-attivitajiet maħsuba għas-sena 2022 u jitratta wkoll materji li fl-opinjoni tal-Ombudsman jistgħu jgħinu biex dejjem titjieb l-amministrazzjoni pubblika.

L-Ispeaker se jkun qed iqiegħed kopja tal-*Ombudsplan 2022* fuq il-Mejda tal-Kamra mal-ewwel opportunità sabiex wara jkun jista' jiġi diskuss fil-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra u sussegwentement jitressaq għall-approvazzjoni tal-istess Kamra tad-Deputati.

**Attachments: photos** 

**3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700**

**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**